## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru: **675/24 AD**

## KUMMISSARJU TAT-TAXXA U D-DWANA

**VS**

## NAIL CINGOZ (K.I. NRU. 228938A)

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors mressaq mir-rikorrent il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana fl-erbatax (14) ta' Ġunju 2024 fejn għar-ragunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

"Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE *dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra* tas-16 ta' Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-

rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari, u miżuri oħra;

Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012. Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, li huwa meqjus bħala l-awtorità kompetenti sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra iddelega tali kompetenza lill-Kummissarfju tat-Taxxa u d-Dwana (ara anness delega hawn mmarkata bħala Dok 'A');

Illi l-awtorità applikanti tal-Belġju għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorità fl-ammont ta' ħamest elef, tmienja u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€5,048.12), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bħala Dok 'B', oltre interessi skont il-liġi;

Illi għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra tali ammont skont l-Artikolu 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess document anness f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat document ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'Ċ' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' l-imsemmija dokument anness.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'B' u Dok. 'Ċ', jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B' bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv."

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Mill-atti jirriżulta li l-intimat Nail Cingoz (K.I. Nru. 228938A) ġie debitament notifikat (ara fol. 23, 25 u 28 tal-proċess) fl-erbgħa (4), tnejn u għoxrin (22) u ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru 2024 iżda ma kkontestax dawn il-proċeduri.

Din il-Qorti tinsab sodisfatta li f'dan il-każ ġew segwiti r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24UE u tal-Avviż Legali 153 tal-2012 u għaldaqstant tordna li ssir ir-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok A, bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għas-somma ta' ħamest elef u tmienja u erbgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€5048.12).

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimat.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**